TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 110

KAZ NRU. 141

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sinjura Mary Grace Farrugia
u
Messrs Dolmen Hotel
dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta.

Data : 20 ta' Novembru 1981

Chairman : C. Rowe

B'ittra tat-2 ta' Lulju 1981, l-Onorevoli Ministru tax-xoghol, Kultura u Ghajnuna Socjali rreferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX tal-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija li l-appellant tallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm sitt seduti biex jinstema' l-kaz li fihom l-appellant kienet assistita mis-Sur F. Coleiro, Segretarju tat-Taqsima tal-Lukandi tal-General Workers' Union, u l-lukanda Dolmen kienet rapprezentata mis-Sur Hector Borg, General Manager assistit mis-Sur Peter Montebello, Assistant General Manager.

3. Statement of Case

Ghall-appellant Is-Sur France Coleiro qal li tkeccija ta' Mrs Grace Farrugia fit-8 ta' Mejju, 1981 ma kienetx gusta u ghandha titqies li baqghet fl-impieg minghajr telf ta' paga.

It-raguni tat-tkeccija kienet li t-tabib tal-lukanda ddikjara li meta mar jaraha kienet tajba bizzejjed biex tmur ghax-xoghol.

Mrs Farrugia rrapportat lill-lukanda li ma kienetx tiflah, it-Tnejn, 4 ta' Mejju. Hi cemplet lit-Tabib kuranti taghha u ghamlilha certifikat li kienet marida u ghaldaqshekk mhix tajba ghax-xoghol.

/.....

Il-management baghat it-tabib, l-Erbgha, 6 ta' Mejju fis-2.00 p.m. u qalilha li kienet tajba ghax-xoghol pero ma setax jghid f'liema kundizzjoni kienet fil-jiem ta' qabel.

Peress li Mrs. Farrugia tahdem fuq bazi ta' day in/day out, il-Hamis, 7 ta' Mejju kienet franka u dahlet ghax-xoghol il-Gimgha, 8 ta' Mejju.

Mrs. Farruiga bdiet fis-7.30 a.m. sad-9.30 a.m. u f'dak il-hin il-Manager li kien mal-Housekeeper qalilha biex titlaq minn fuq ix-xoghol.

Il-Management kellu jilqaghha x'hin bdiet ix-xoghol u mhux fid-9.30 a.m.

Il-Management ma setax jiehu decizjoni ta' tkeccija fuq l-ahhar certifikat, meta s-sintomi tal-marda kienu lahqu ghaddew, u hadd daqs it-tabib kuranti tal-appellant ma seta jghid jekk Mrs. Farruiga kinitx marida jew le, ghax hu kien invista fil-pront.

L-esperjenza tghallem li dak li jara wiehed jista ma jarahx l-iehor u vice versa. Dan minghajr ma nidhlu fil-mertu tad-decizjoni tat-tobba, barra l-fatt l t-tabib tal-lukanda mar jara lill-appellant jumejn wara li rrappurtat marida.

Il-management ma jistax jiehu passi dixxiplinarju kontra mpjegata fuq mard, meta ma hax passi biex jibghat lit-tabib tieghu meta l-appellant rraportat li hi marida.

Meta omm l-appellant cemplet lill-Management dan wegibha li jekk ma tmurx lura ghax-xoghol sa nofs siegha ohra tista ma tigix ghax-xoghol. Dan ifisser li l-Manager ha decizjoni li jkecci lil Mrs. Farrugia qabel mar jaraha t-tabib tal-Hotel. Allura ma setax jitterminalha l-impieg fuq raguni li tabib tal-Hotel iddikjara li kienet tajba ghax-xoghol u ma dahlitx.

/ .....

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal ghandu jiddikjara lis-Sinjura Farrugia ma gietx imkeccija ghar-raguni gusta u ghandha titqies li baqghet fl-impieg bla telf ta' paga.

Ghall-Lukanda Dolmen

Il-Management issottometta li Mrs. Farrugia naqset li tmur ghax-xoghol minghajr raguni, it-Tnejn 8 ta' Mejju.

L-Erbgha 6 ta' Mejju, fil-ghodu giet irraportata bhala sick u aktar tard it-tabib tal-lukanda, Dr. L. Deguara, nforma lill-Management li Mrs. Farrugia skond l-opinjoni tieghu kienet tajba ghax-xoghol u avzaha biex tidhol ghax-xoghol minn dak il-hin, aktar tard fil-jum saret telefonata fil-Lukanda minn omm Mrs. Farrugia u din giet avzata biex tghid lil bintha, li jekk ma tirritornax ghax-xoghol f'dak il-jum stess (6 ta' Mejju) kienu ser jittiehdu passi dixxiplinarji kontriha li jistghu jwasslu ghall-telf tal-impieg.

Mrs. Farrugia ma dahletx ghax-xoghol u meta rraportat ghax-xoghol il-Gimgha 8 ta' Mejju, giet mibghuta d-dar u meqjusa bhala mkeccija.

Mrs. Farrugia kienet giet ammonita fuq kazijiet simili diversi drabi u f'hafna kazi ohra meta kienet tirraporta tard, jew titlaq kmieni mix-xoghol kif gie sottomess f'lista ma' dan l-istatement, matul l-ahhar tnax-il xahar li kienet impjegata - Gunju, 1980 - Mejju, 1981.

Minn din il-lista, il-Management qal li din turi l-irresponsabilta tal-appellant u tal-pacenzja li ha l-Management biha, barra l-ispejjez zejda li l-Kumpanija halset overtime biex isir ix-xoghol fin-nuqqas ta' Mrs. Farrugia.

(a) L-appellant giet imwissija wkoll fuq alterazzjonijiet fl-uniformijiet li kienet tigi moghtija mill-Lukanda.

(b) Inxir ta' paljazzi fuq hogor tat-twieqi tal-faccata ta' barra tal-Lukanda.

/ .....

(c) Daqq b'volum gholi ta' radju li kienet izomm waqt ix-xoghol.

(d) Kunfidenzi zejda mal-impjegati rgiel fl-istabbiliment.

(e) Kliem hazin u baxx li kienet tuza.

(f) Traskuragni kbira kemm personali kif ukoll fuq ix-xoghol b'garr minn shabha stess.

L-appellant kienet membru tal-General Workers' Union Taqsima tal-Lukandi, u x-Shop Steward kien avzat b'dawn in-nuqqasijiet u fehem li t-tkeccija kienet meritata, wara li hu stess ikorregiha hafna drabi.

4. DOKUMENTI

Gew ipprezentati dawn id-dokumenti:

(1) statement of case tal-Lukanda Dolmen

(2) statement of case tal-appellant

(3) certifikat ta' Temm tal-Impieg tal-appellant

(4) certifikat dwar attendenza fl-Isptar Boffa tal-appellant

(5) A
B
C Certifikati dwar mard tal-appellant
D maghmula minn Dr. L. Deguara
E

(6) Lista tal-granet tal-Leave fis-sena 1980 li hadet l-appellant. Lista ta' granet ta' mard tal-appellant fis-sena 1980.

Dokument (6) gie pprezentat mis-Sur H. Borg, Manager tad-Dolmen Hotel. Fuq talba tat-Tribunal is-Sur Coleiro ressaq kopja tal-Collective Agreement bejn id-Dolmen Hotel u l-Hotels, Food and Allied Workers' Section tal-General Workers' Union.

/ .....

Fil-file tad-Department of Labour and Emigration (33/81/116) hemm certifikat mahrug minn Dr. P. Chetcuti Caruana dwar il-marda ta' Mrs. Farrugia bejn 1-4 u 1-10 ta' Mejju, 1981.

5. <u>Xhieda</u>

Ghall-appellant dehru dawn ix-xhieda:

Mrs. Mary Grace Farrugia - l-appellant

Mrs. R. Sammut - omm Mrs. Farrugia

Dr. P. Chetcuti Caruana - tabib privat ta' Mrs. Farrugia

Miss P. Buhagiar - impjegata fil-Lukanda Dolmen

Miss F. Gatt - impjegata fil-Lukanda Dolmen

Ghall-Management:

Dr. L. Deguara - tabib tal-Lukanda Dolmen

Miss C. Schembri - Chambermaid tal-Lukanda Dolmen

Miss Y. Borg - Housekeeper tal-Lukanda Dolmen

Mr. J. Spiteri - Shop Steward u Handyman fil-Lukanda

Mr. H. Borg - General Manager

6. <u>Xhieda fil-qosor</u>

Mrs. Farrugia qalet li l-Gimgha l ta' Mejju hassitha ma tiflahx u rat it-tabib u qaltlu li thossha ghajjiena. It-Tnejn, 4 ta' Mejju ma felhitx tqum u talbet lil ommha biex tmur tavza lill-Lukanda u lit-tabib privat taghha. Dan qalilha li ghandha bzonn mistrieh u qalla li ser jaghmillha certifikat mill-4 sal-10 ta' Mejju avolja c-certifikat tieghu ma jikkalkolhawhx (tal-Lukanda). Fis-6 ta' Mejju mar jaraha Dr. Deguara u qalilha biex tidhol ghax-xoghol ghax kienet tajba.

/ ....

Il-Hamis kienet id-day off taghha, marret ghax-xoghol il-Gimgha 8 ta' Mejju u f'xi d-9.30 a.m. gie il-Manager Mr. Borg u qalilha "biddeliu itlaq". Wara marret il-Labour Office u talbuha id-discharge. Dan dam xi tmint ijiem ma tahulha.

Dr. Deguara kien gie jaraha f'xi 2.00 jew 2.30 p.m. Qalet ukoll li ma argumentatx mat-tabib Deguara. L-appellant qalet ukoll li gieli dahlet ghax-xoghol fis-2.00 p.m. Hi qalet li baghtet certifikat it-Tnejn. Kienet taf il-procedura dwar meta timrad u kellha ccempel qabel id-9.00 a.m. biex tavza inkella titlef il-gurnata.

F'dan l-istadju qalet li gieli marret f'xi l-4.00 p.m. Kienet thallset tas-sick bejn il-11 u l-20 t'April. Darba riduha tiffirmha statement u ma accettatx. Bil-fomm qalet li qatt ma giet imwiddba, imma tiftakar li kienu widdbuha meta cemplet ommha fuq il-mard. Wara qalet li widdbuha fuq id-dhul tard. Leave gieli talbet u ma tawhiex u kienet thallas lil xi hadd flokha.

Minhabba certifikat tad-discharge ma setghetx tirregistra u qalet lix-Shop Steward biex jghid lis-Sur Borg jikteb li ma kienetx tajba ghall-kcina minhabba s-shana, b'hekk tkun tista tirregistra. Tal-Labour Office kienu ppruvaw u sabulha xoghol c-Cirkewwa u ma haditux.

Fuq mistoqsijiet mis-Sur Coleiro qalet li gieli widdbuha.

Fil-kontroezami mis-Sur Borg, insistiet li ommha kienet cemplet il-Lukanda, it-Tnejn 4 ta' Mejju. Ammettit li gieli giet imwissija fuq dhul tard ghax-xoghol u falliment. Giet ammonita fuq l-uniformi u alterazzjonijiet li ghamlet u x-Shop Steward qalilha biex tilbes dublet aktar twil. Anke ammettiet li kienu gibdulha l-attenzjoni dwar inxir ta' paljazzi ull-volum tar-radju.

<u>Mrs. Sammut</u> - Omm l-appellant qalet li marret icempel l-Lukanda u qalet li l-jum kien it-Tnejn u l-ewwel cemplet lit-tabib Dr. Chetcuti Caruana imbaghad l-Lukanda. Meta cemplet l-Lukanda

/ .....

l-ewwel kellmitha tfajla u imbaghad wiehed li qalilha li hu s-Sur Borg u li jekk ma tigix sa nofs siegha wara bintha tmur 'l barra.

It-tifla kienet mixhuta, wara gie t-tabib Dr. Chetcuti Caruana u dan ghamel certifikat. Dan ic-certifikat tatu lil Carmen Schembri, l-Erbgha fil-ghodu biex tiehdu l-Lukanda.

Fil-kontroezami qalet li cemplet darba biss u minn irrispondieha qalilha 'jekk ma tigix sa nofs siegha ohra 'l barra'. It-telefonata ghamlitha fit-8.30 a.m. it-Tnejn (4 ta' Mejju). Min irrispondieha qalilha li hu s-Sur Borg.

Dr. Chetcuti Caruana - qal li ma jiftakarx id-data ezatt, pero Mrs. Farrugia kienet kellmitu qabel nxtehet u meta mar jinvistha kellha pressjoni baxxa u kif tqum taqa' fl-art. Seta' kien hemm element psikologiku wkoll, ghax bil-pressjoni baxxa hawn min jiflah joqghod fuq riglejh. Qalilha toqghod gimgha irtirata. Kien jaf li fejn tahdem l-appellant kien hemm tabib.

Ic-certifikat ma kienx ghamlu open imma ghal erbgha jew sebat ijiem. Kont ghidtilha 'ipprova mur Grace ghax taf int ma jiehdux pjacir, ipprova mur u t-Tnejn nerga nigi.' Pero ma felhitx u ghalhekk ghamlu ghal bejn 5/7 ijiem.

Fil-kontroezami mis-Sur Borg kompla qal li kien mar jaraha it-Tnejn jew t-Tlieta ghax Mrs. Farrugia kienet kellmitu fil-weekend. Jiftakar li kien imhabbat hafna u nhar ta' Tnejn dejjem ikun imhabbat. Fuq mistoqsija ohra qal li kien tabib ta' xi kumpaniji, imma ma kompliex ghax hass li ma kien gieli ppruvaw jinfluwenzawh biex inaqqas iz-zmien tal-mard. Ikun hemm proporzjonn ta' malering, imma telaq ghax mar riedx ikompli jaghmilha ta' pulizija.

Dr. Deguara - mar jara lill-appellant wara li cempillu s-Sur Borg. Il-pazjenta sabha fis-sodda u qaltlu li kienet storduta. Kienet mardet bl-istess sintomi xi erba' darbiet ohra.

/ .....

Fl-opinjoni tieghu kellha pressjoni normali u setghet tidhol ghax-xoghol, kellha ftit depression u dan mhux bilfors ghax kellha pressjoni baxxa u ghidtilha : "Tista' tidhol ghax-xoghol." Wara rraporta l-lukanda li l-appellant kienet tajba u setghet tidhol ghax-xoghol.

Huwa qal li normalment jaghmel il-visti fl-istess jum li fih ikun gie avzat mill-lukanda u f'dal-kaz mar dak il-jum stess ghax kien jaf li tahdem bix-shifts.

Il-hin tal-vista kien wara l-ikel ghal habta tas-1.00 p.m.

Fit-twegiba ghal Mr Coleiro qal li hu ma kienx jista' jghid jekk kienetx marida fil-jiem qabel mar jinvistaha, u seta' jghid biss x'sab meta ghamel il-vista.

Fuq l-ambjent qal li l-pressjoni ma tigix affettwata jekk il-persuna tkun tahdem fis-shaha jew fil-kesha u f'dal-kaz xoghol fil-kcina fis-shana ma jaghmilx effett.

Fuq mistoqsija tas-Sur Borg jekk qatt giex influwenzat mill-management dwar certifikati, qal li le, gie li jghidulu li haddiem ikun ilu barra gimgha, jew insew jghidulu. Ix-xhud qal li ma jmurx jara pazjenti u jkun biased favur jew kontra, jara x'ghandu u x'jghidlu l-pazjent.

Miss C. Schembri xehdet li wasslet certifikati, aktar minn darba, dwar mard ta' Mrs Farrugia. Hija kienet taghtihom lil Miss Borg; housekeeper; imma ma kienetx certa mid-dati/xhur meta wasslet dawn ic-certifikati. Fuq mistoqsijiet tas-Sur Borg, tenniet li ma tiftakarx il-gurnata meta tatha l-ahhar certifikat. Gieli wasslet risposti li Mrs Farrugia kienet ser tidhol ghax-xoghol fil-ghaxija flok fil-ghodu.

/9. .....

Is-Sur Coleiro ghamel mistoqsijiet lix-xhud ukoll, imma ma setghetx tippreciza d-data, biss qalet li dejjem kienet taghti c-certifikati lil Miss Borg u l-hin li tawha c-certifikat kien bejn 6.40 - 6.45a.m.

Miss Borg li tahdem bhala housekeeper qalet li kellha kuntatti spissi fuq ix-xoghol ma l-appellant imma cahdet li meta din tal-ahhar marret ghax-xoghol wara l-mard qaltilha biex toqghod mistrieha. Fil-fatt hi kellha ordni mill-management biex Mrs Farrugia ma tidholx ghax-xoghol. Qaltilha b'din l-ordni imma l-appellant baqghet hemm u meta gie s-Sur Borg, baghatha hu.

Mistoqsija dwar l-efficjenza ta' Mrs Farrugia qalet li shabha gieli garrew ghaliha, gieli kienet tmur tghidilha fuq dan il-garr. Imma hafna drabi kienet tghid lill-management u dan jghid lix-Shop Steward u dan kien ikellimha hu.

Ix-xhud qalet li hi kellha awtorita' tkellimha. Dwar id-dhul tard ta' Mrs Farrugia qalet li gieli baghtet risposta u gieli marret dritt fuq ix-xoghol minghajr ma tavzaha.

Ix-xhud kienet izzomm record tal-attendenza ta' certi mpjegati, dan barra li kien hemm il-clocking. Qalet li l-appellant gieli harget kmieni u drabi talbet il-permess u drabi ohra ghad li jghidulha le, titlaq ukoll. Ma tafx jekk qatt l-appellant giet moghtija twiddiba miktuba.

Ix-xhud fuq mistoqsijiet tas-Sur Borg qalet li ghajtet ma' Mrs Farrugia hafna drabi, l-aktar fuq ilbies tal-uniformi, fuq radju jghajjat u fuq skartar minn fuq ix-xoghol.

Meta l-appellant giet illicenzjata, ix-xhud qalet li hadd ma ghamel complaint favur Mrs Farrugia. Bosta drabi ghamlet rapporti lis-Sur Borg u lis-Sur Spiteri; shop steward; u dan kien dwar nuqqas f'xogholha, fuq il-lateness u uniformijiet.

Fil-kontro-ezami mis-Sur F. Coleiro, ix-xhud qalet li ma tiftakarx li fis-6 ta' Mejju, Miss Schembri tatha certifikat tal-appellant , imma tiftakar li gieli giet moghtija certifikati dwar mard ta' Mrs Farrugia. Fl-4 ta' Mejju Mrs Farrugia giet murija absent u kienet tnizzel fil-ktieb dawk li jirraportaw sick. Tenniet li kellha ordni biex ma thallix lil Mrs Farrugia tidhol ghax-xoghol u l-appellant qalet "Jien ser nibqa' nahdem sakemm jigi hu u jkeccini." Qalet li qatt ma semghet lil Mrs Farrugia tuza kliem hazin, imma meta rrapurtawlha shabha, gieli widdbitha u din kienet tichad li tkellmet hazin.

Dwar tluq kmieni qalet li meta ma nghataliex permess kienet thallas lill-haddiehor flokha u dawn kienu jghidu lix-xhud li ser joqghodu flok Mrs Farrugia.

Fuq mistoqsija tac-Chairman dwar l-appellant, ix-xhud qalet li meta tghid li hi marida tghidlek "Ma niflahx, irrid nitlaq" u titlaq.

<u>Mr John Spiteri</u> - <u>handyman u Shop Steward</u>.

Mistoqsi mis-Sur Borg, wiegeb li kien infurmat fuq diversi nuqqasijiet ta' Mrs Farrugia u kemm-il darba x-xhud qal lis-Sur Borg biex ikellmu u jwissu l-appellant fuq diversi affarijiet. Il-housekeeper ukoll talbet lix-xhud iwissieha u kien hemm drabi meta kellem lill-appellant fuq in-nuqqasijiet taghha.

Qal ukoll li fis-6 ta' Mejju s-Sur Borg qallu li Mrs Farrugia t-Tnejn ma gietx bla avzat, cemplet ommha li Mrs Farrugia sick, baghat lit-Tabib jaraha u dan cempel u qallu li hi tajba ghax-xoghol u "li lil din ser inwaqqafha llum."

Ix-xhud kien qallu li jekk Mrs Farrugia mhux marida, ghandu ragun. Ix-xhud kien prezenti waqt it-telefonata li ghamlet omm l-appellant u sema' lis-Sur Borg jghidilha li jekk ma tigix ghax-xoghol sa nofs siegha ohra tista' ma tigix aktar ghax-xoghol.

Ix-xhud qal li hadd minn shabha ma pprova biex jaqbez ghall-appellant u ma ghamilx bhal drabi ohra fejn gieli talab lill-Management biex jinhafer xi kastig lil xi haddiem/haddiema, ghax kien wissa hafna drabi lill-appellant anke sa ftit qabel it-tkeccija taghha.

Ix-xhud qal ukoll li kien jithabat kultant biex isib sostitwita ghal Mrs Farrugia meta din kienet tmur tard u xi drabi meta tidhol tard hafna kien jibghatha lura d-dar ghax ikun sab lill-haddiehor flokha.

Ikkonferma wkoll li hafna drabi waqqaf lill-management milli jaghti written warnings u jkellem lil min jisthoqqlu warning, hu.

Dwar mistoqsija tat-Tribunal ix-xhud qal li verbalment kellha hafna warnings l-appellant, u kien hemm kazi li setghet tkecciet, imma hu kien ipprova jsalvalha l-job kemm-il darba u darba l-housekeeper riedet tkeccieha, ghax ma sabitiex fuq ix-xoghol, dahal ix-xhud biex irrangalha.

Fil-konto-ezami mis-Sur Coleiro, ix-xhud wera li ma kienx cert mill-jum li fih saret it-telefonata minn omm Mrs Farrugia. Is-Sur Coleiro ghamel kontro-ezami lix-xhud. Dan wiegeb li s-Sur Borg kien qallu li omm Mrs Farrugia cemplet l-Erbgha u lix-xhud qallu li ser iwaqqafha minhabba li t-tabib ma sabihx marida.

Is-Sur Borg kien qallu li t-Tnejn ma dahlietx ghax-xoghol. Il-hin bejn wiehed u iehor kien it-3.30p.m. Rapporti mill-housekeeper jew minn shabha gieli kellu u kmieni gieli telqet mix-xoghol u filghodu gieli kienet tibghat ic-cavetta m'ommha u tghid li ma tiflahx imbaghad kienu jqabbdu ohra, u mbaghad taraha gejja fl-4.00p.m.

Fuq dan l-ahhar li kien widdibha kien qalilha "Mrs Farrugia oqghod attenta ghall-impieg tieghek," u kienet wegbithu, "Kemm ghandi notice?" Ix-xhud qalilha "Issa hallik minn notice, ibza ghall-impieg ghaliex din id-darba jekk ma jsibekx sick it-tabib titqaccat il-barra."

Meta tidhol tard kienet tghid li rasha tugaghha, imma ma kienx jaf jekk jaqtulhiex il-paga. L-anqas kien jaf li l-appellant li gieli hallset lis-sostitwiti minn butha. Imma meta kienet tidhol tard shabha kienu jgorru mieghu ghax kienu jkunu tnejn u kien jirranga biex isib lil xi hadd biex jaghmel ix-xoghol ta' Mrs Farrugia.

Dwar id-daqq tar-radju kien jaf li kkorregewha u kien qallu s-Sur Micallef, il-proprjetarju. Dan kien qallu li ried ikeccieha u mhux lilha biss imma anke lil tal-kcina. Is-Sur Micallef kien qalilhom biex izommuh baxx. Meta regghu ghollew il-volum kien rega' qallu u x-xhud mar widdibhom, lill-appellant u lil tal-kcina. Dwar li kien iwiddeb kemm-il darba lill-appellant, ix-xhud kien ihobb jaghtiha cans ghax kieku jaghtuha charges u tkecciet qabel. Dan kien jaghmlu qiesu bhala parir tal-Union.

Fuq mistoqsija tac-Chairman ix-xhud qal li kien ilu Shop Steward erba' snin u ma jiftakarx li tkecca xi haddiem tul dan iz-zmien. Jiftakar li kien hemm haddiem wiehed biss li gie sospiz tlett ijiem.

/13.. .....

Ix-xhud jahdem hin normali, gingha ta' hamest ijiem u tard ma kienx ikun prezenti. Qabel mas-Sur Borg dwar it-tkeccija ghax hu kien taha hafna warnings.

Miss F. Buhagiar ghall-appellant xehdet li tahdem bix-shift bhalha u qatt ma garret dwarha, ir-radju kienu jzidulu l-volum il-waiters mhux l-appellant.

Fil-kontro-ezami mis-Sur Borg qalet li kienet ghamlet rimarka ma mara fil-lukanda dwar il-hin li tibda l-appellant ghax kienet tidhol tard. Qalet li tiftakar li s-Sur Borg kien wissa lil Mrs Farrugia dwar l-inxir tal-hwejjeg u fuq ir-Radju. Xehdet ukoll li wara li spiccat l-appellant is-Sur Borg kien widdibha u b'ton li fakkarha fi "Grace" u qalilha "biex ma toqghodx tparla u taghmel bhal Grace."

Miss F. Gatt xhud tal-appellant qalet li kienet tahdem ix-shift ukoll, u fuq mistoqsija tas-Sur Coleiro qalet li qatt ma gergret jew ipprotestat dwar l-appellant mal-management, meta din twarrab minn fuq ix-xoghol, imma gieli gergret mal-housekeeper jew max-Shop Steward, meta kienet tidhol tard ghax-xoghol.

Is-Sur Micallef kien jigi jghidilhom biex izommu ir-radju baxx. Fil-kontro-ezami mis-Sur Borg qalet li lill-appellant bhala kitchen cleaner ftit tafha, ghax kienet taghmel xoghol iehor, ghad li gieli hadmet fil-kcina. Hi gieli giet inqabbda tidhol fil-kcina mill-Housekeeper meta l-appellant kienet tfalli u kienet tahdem filghaxija flokha wkoll. Dan kien jigri hafna drabi. Qalet li Mrs Farrugia gieli talbitha tahdem flokha u hallsitha minn butha. Kien hemm kazi wkoll li hi hadmet overtime u thallset mill-management.

Is-Sur H. Borg - Manager tal-Lukanda Dolmen.

Xehed li kien ilu ghaxar snin f'din il-kariga u f'dan iz-zmien barra tkeccija ta' Mrs Farrugia qatt ma kien tkecca hadd, imma darba gew sospizi tlett kokijiet u xi jumejn wara, is-Sur Coleiro u x-shop steward iddiskutew dan il-kaz u sar arrangament biex dawk sospizi jitolbu skuza u jergghu jidhlu ghax-xoghol. Fil-fatt hekk sar.

Charges il-management jipprova jaghti mill-inqas u mal-General Workers' Union qatt ma kellhom clashes dwar hekk. Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar it-telefonata ta' omm l-appellant, ix-xhud qal li kien cert li ma kienx it-Tnejn kif xehdet Mrs Sammut. Ma jistax jghid jekk Mrs Sammut cemplitx it-Tnejn, imma lix-xhud kelmithu l-Erbgha u hu cempel lit-tabib biex imur jara l-marida ghax sema' li Mrs Farrugia kienet sick, wara d-9.00 a.m. meta normali l-avviz tal-mard irid jasal qabel.

Omm Mrs Farrugia cemplet bejn nofs in-nhar u s-siegha u qaltlu li bintha marida. Ix-xhud qalilha li "Grace mhix marida, ghax ghadu kif cempilli t-tabib u qalli li m'ghandha xejn u jekk ma tidholx sa nofs siegha ohra tista' ma tigix izjed."

Dak il-hin ix-shop steward kien hdejh u kkonsultah. Ix-xhud spjega lit-Tribunal dwar il-procedura tat-te' ghall-impjegati u ghaliex kien widdeb lill-appellant biex ma taghmilx te'. Fil-lukanda hemm jahdmu 177 haddiem, imma ftit ikollhom inkwiet; lix-shop steward idahhlu f'kull haga ghax l-istaff ghandu fiducja shiha fih. Dwar ic-certifikat ta' tmiem qal li ghamel 'persistent lateness' u tfalli <u>very often</u> mhux ghaliex kienet sick. Ic-certifikati pprezentahom ghax l-appellant qalet lill-Ministru tax-Xoghol li t-tabib tal-Lukanda qatt ma ccertifikaha.

/15. .....

Jidher car li kemm is-Sur Borg kif ukoll is-Sur Spiteri, ix-shop steward, kienu waslu fit-tarf tal-pacenzja taghhom mal-appellant.

Mrs Farrugia jidher li kollha nuqqasijiet li gew ittollerati ghal zmien twil u qatt ma jidher li tat widen ghat-twissijiet li ghamlulha. Jista' jkun li hi kollha f' mohha li jekk titlef ix-xoghol ma tantx tbati ghax hi kienet mizzewwga u r-ragel taghha jahdem ukoll, ghaldaqshekk ma tistax tigi kkunsidratha bhala bread winner u jista' jkun li dan kien fattur li kien jaghtiha certa ndifferenza ghax-xoghol.

Certu mard bhal ma kienet issofri hi ta' ugiegh ta' ras ma kienx jghinha biex taghmel kuragg biex tiffaccja gurnata ta' 15-il siegha, darba iva u ohra le kif kienet tahdem hi, imma dawn ir-ragunijiet mhumiex skuzati u t-Tribunal jifhem li kull impjegat irid jaqdi dmiru kif jixraq u jistma mhux biss lil min ihaddmu imma anke lil shabu l-haddiema li jistghu jsofru minhabba n-nuqqasijiet tieghu.

Fil-kaz tal-appellant fix-shift kienu tlieta u meta tonqos wahda ibatu l-ohrajn. Il-management ukoll irid iserrah mohhu li dawk li jahdmu mieghu jista' joqghod fuqhom u jahdmu skond il-htiega u mhux jaghmlu kif jaqblilhom jew kif jigihom f'mohhom.

Hemm differenza bejn lukanda u fabbrika, imma l-impjegati fit-tnejn jehtieg ikunu puntwali, u ubbidjenti.

Il-kaz tal-management juri s-sabar li ha b'din l-impjegata, l-imgieba tax-shop steward ma shabu, mhux mall-appellant biss kienet ta' min ifahharha.

/21. .....

Fli statement finali tal-Management it-Tribunal isib hafna punti li fuqhom jaqbel. In-numru kbir ta' haddiema li hemm impjegati fil-lukanda, 177; u n-nuqqas ta' tilwim bejn dan u l-haddiema juri li hemm armonija tajba u jiehu pjacir jara li passi estremi ta' dixxiplina qatt ma ttiehdu hlief f'dan il-kaz.

Ta' min jghid ukoll li l-appellant giet offruta xoghol iehor wara li spiccat minn mall-lukanda Dolmen. Ix-xoghol kien se jkun f'lukanda fic-Cirkewwa, imma l-appellant ghar-ragunijiet taghha ma accettatx.

Kieku ghamlet hekk kienet skond il-File tad-Dipartiment tax-Xoghol, regghet hadmet mit-22 ta' Gunju 1981.

Fuq dawn il-punti kollha it-Tribunal wasal ghal dan l-Award.

AWARD

(1) It-tkeccija ta' Mrs M. Grace Farrugia kienet gustifikata.

(2) Il-Management tal-Lukanda Dolmen ghandu jhallas lil Mrs M. Grace Farrugia il-hlas li baqghalha tiehu mit-Terminal Benefit sal-1 ta' Dicembru 1981.

(3) Ic-certifikat tat-Temm ta' l-Impieg ta' Mrs M. Grace Farrugia ghandu jigi mibdul u jinkiteb - Not suitable for work with Dolmen Hotel.

C. ROWE
Chairman

E.F. ABELA
A/Segretarju

20 ta' Novembru 1981.

em

Dwar lista ta' granet falluti, u fil-ktieb dehret Leave ix-xhud spjegа li l-appellant kienet tirranga mal-Wages Clerk u jhallasha mill-leave taghha. Meta tidhol tard kienet tippancja, tbiddel u tmur gewwa, forsi kienet tghid lil housekeeper.

Il-hinijiet tax-xhud fuq ix-xoghol kienu bejn it-8.00 - 9.00 sat 3.00 jew 4.00 u kien jidhol filghaxija u hemm zewg assistent managers jahdmu bix-shift u jdumu sakemm jaghlaq il-Bar. Ix-xhud fil-kontro-ezami mis-Sur Coleiro qal li dwar il-leave tal-appellant, Dokument Nru. 6 kien jidher li hadet 30 siegha aktar milli ntitolata fl-1980 u dawn kienu ser jitnaqqsu mill-entitlement tas-sena 1981. F'dak li gew murija bl-asterisk kienu granet falluti li wara irrangawlha u hallsuha mill-leave taghha.

Madankollu kienet tfalli bla ma tavza, u kienet tqajjem inkonvenjenza, ghax trid issib min jahdem flokha. Il-hinijiet li kienet tmur l-isptar gew kollha murija sick u thallset taghhom mis-sick leave taghha. Il-lukanda ma jzommux record tat-telefonati li jircievu dwar mard, imma l-operators javzaw lill-housekeeper u jcemplu lit-tabib biex izur il-morda. Fuq it-telefonata ta' Mrs Sammut ix-xhud ma eskludiex il-fatt li setghet saret telefonata u nsew iwasslu l-message, pero' lilu l-housekeeper qaltlu li Grace ma gietx.

Il-leave ma jintalabx fuq xi formoli, jekk wiehed ikollu bzonn il-leave jitlob lix-xhud jew assistant head u jekk jistghu jaghtuh, imma record jinzamm. L-ahhar xhud tal-appellant, Mrs Guza Farrugia ma dehritx ghal zewg seduti konsekuttivi u t-Tribunal ordna l-qari tas-sottomissjonijiet finali.

6. Final submissions

Is-Sur F. Coleiro ghamel l-ahhar submissions, fejn qal li l-management temm l-impieg ta' Mrs Farrugia fuq argument li din falliet mix-xoghol it-Tnejn 4 ta' Mejju u t-tabib tal-lukanda qal li Mrs Farrugia ma kienetx marida u tista' tahdem wara li raha l-Erbgha 6 ta' Mejju.

Dr F. Chetcuti Caruana, t-tabib privat taghha kien ra lil Mrs Farrugia u ddikjara li ma kienetx tajba ghax-xoghol, l-ewwel raha fil-weekend u t-Tnejn.

Omm Mrs Farrugia fix-xhieda taghha qalet li cemplet it-Tnejn u wara marret id-dar u sabet lil Dr Chetcuti Caruana d-dar tat-tifla u l-istess tabib iddikjara li l-vista ghamilha t-Tnejn. Omm Mrs Farrugia qalet ukoll li kellimha s-Sur Borg wara li xi hadd kien wiegeb it-telephone, meta cemplet.

Is-Sinjorina Schembri qalet li hadet certifikati imma ma tiftakarx id-dati li fihom wasslet dawn fil-lukanda. Il-Management cahad li kien ircieva dak ta' Dr Chetcuti Caruana.

Dwar xi nuqqasijiet bhal sick leave irrizulta li dawn kienu madwar tnien granet fl-1980, barra xi sighat u Mrs Farrugia kellha certifikat tal-out patients minn Sptar Sir Paul Boffa. Dwar xi oggezzjonijiet minn shabha li kienet tkun niegsa minn fuq ix-xoghol, dan il-management kien jaf ir-raguni, u dwar nuqqasijiet ohra ma kienx hemm provi ta' affarijiet serji anzi fejn intqal li kien hemm garr minn shabha gie ppruvat li dawn ma gergrux.

Ghaldaqstant Mrs Farrugia ma gietx imkeccija ghall-kawza gusta u ghandha titqies li baqghet fl-impieg minghajr telf ta' paga.

Is-Sur M. Borg qal li Mrs Farrugia ma talbietx lix-shop steward biex jiddefendieha ghax kemm-il darba kien intervena ghaliha qabel u salvalha postha.

Punt fundamentali quddiem it-Tribunal huwa dwar ir-rapport li sar dwar il-mard ta' Mrs Farrugia kien meta saret it-telefonata, u jekk kienx it-Tnejn 4 ta' Mejju jew l-Erbgha 6 ta' Mejju.

Dwar dawn kien hemm xhieda li ma taqbilx minn Dr Chetcuti Caruana u Mrs Sammut u s-Sur Borg stess li kien cert li kellimha l-Erbgha. Ma setax iwiegeb lil Mrs Sammut kif wegibha kieku ma kienx mar Dr Deguara u cempillu dwar Mrs Farrugia. It-Tnejn zgur ma kienx kellem lil Mrs Sammut fuq it-telephone. Miss Schembri, li Mrs Sammut qalet li maghha baghtet ic-Certifikat l-Erbgha 6 ta' Mejju ma kienetx ghax-xoghol ghax kienet id-day-off taghha.

L-appellant ammettiet fix-xhieda li kemm-il darba dahlet tard u drabi ohra telqet kmieni minghajr permess ta' hadd skond il-collective agreement Pagna 8, Para 13 Clause 13C. Il-management ghandu dritt jiehu passi dixxiplinarji li jistghu jinkludu tkeccija ta' dawk li jitilqu kmieni mix-xoghol bla permess tal-management.

Clause 13D tghid li l-Management ghandu dritt li jkecci impjegat jekk ikun tard spiss. Mrs Farrugia ammettiet ukoll diversi akkuzi pressqa fl-istatement of case u ftakret li giet ammonita mill-housekeeper, mix-shop steward u wkoll mill-management. Dwar written warnings, skond il-collective agreement, ghal dhul tard ma kienx necessarju li taghti written warning. Mrs Farrugia fis-seduta tas-16 t'Ottubru, Pagna 21, ikkonfermat li ma accettatx li tiffirma zewg written warnings.

Miss Borg xehdet li ammoniet diversi drabi lill-Mrs Farrugia, u qalet li rrappurtatha hafna drabi lill-management u li gibdet l-attenzjoni tax-shop steward ukoll. Ix-shop steward wera kemm ha pacenzja u kemm giet ittollerata mill-management l-appellant. Kemm kien ha responsabbilta u widdeb lil Mrs Farrugia ix-shop steward stess u ma wassalx rapporti lill-management biex isalvalha l-impieg.

Ix-shop steward qabel mad-decizjoni finali tal-management dwar it-tkeccija u hadd minn shab l-appellant ma pprotesta jew gerger fuq din id-decizjoni u hadd ma hadha kontra x-shop steward ghax qabel ma din id-decizjoni.

Mrs Farrugia kienet mohha fil-flus li ddahhal aktar mill-impieg u fl-ahhar xhur l-atteggjament taghha aktar tgharraq. Mrs Farrugia meta darba widdibha x-shop steward kienet qaltlu biex jipprova jirrangalha biex il-Management jaghmillha karta li telqet ghax is-shana tal-kcina mhux tajba ghaliha. "Basta jkolli l-karta li nista' nirregistra u ma kont niwworja xejn." (Seduta 16 t'Ottubru page 18). Dan juri kemm kienet iddejqet u kienet indifferenti fuq ix-xoghol.

Mrs Farrugia mill-provi cari li gab il-management uriet li ma tistax torbot fuqha u kienet ta' tfixkil fir-ritmu u l-kontinwita' tax-xoghol u ta' detriment ghar-relazzjonijiet tajba li dejjem ezistew bejn il-haddiema u l-management.

Is-Sur Borg ihoss ruhu cert li t-Tribunal jikkundanna l-atteggjament ta' Mrs Farrugia matul l-impieg taghha u jichad it-talbiet li ghamlet.

7. KONSIDERAZZJONIJIET TAT-TRIBUNAL

It-Tribunal wara li sema li statementsipprezentati fil-bidu u fit-tmiem tas-seduti, kif ukoll ix-xhieda li nstemghu u ra d-dokumenti li gew ipprezentati innota dawn l-affarijiet:

(1) Ic-certifikat tat-tabib ta' Dr Chetcuti Caruana fil-file tad-dipartiment tax-xoghol jidher li sar wara l-marda ghax fih hemm miktub "was ill from 4th May 1981 up to the 10th of May 1981." Dan gie maghmul fis-sens passat u mhux prezenti u ghaldaqshekk jista' jitfa' dawl dwar it-tahbila li harget fix-xhieda dwar meta saret in-notifikazzjoni lill-lukanda dwar il-marda tal-appellant.

(2) Is-Sur Borg qal li qatt ma rcieva certifikat.

(3) Omm Mrs Farrugia qalet li baghtitu l-Erbgha fis-6 ta' Mejju ma' Carmen Schembri li kienet fuq li stage sejra l-lukanda.

(4) Carmen Schembri skond ir-records tal-lukanda ma kienetx xoghol f'dak il-jum.

Minn dan jidher car li certifikat ma giex moghti lill-Management, barra dan dwar it-telefonata jew telefonati jidher ukoll li Mrs Sammut ghamlitha meta mar Dr Deguara jara lill-bintha, ghax is-Sur Borg kien ikkuntattjah dan it-tabib u qallu li Mrs Farrugia tajba ghax-xoghol.

Is-Sur Borg fuq din l-informazzjoni, meta cemplet Mrs Sammut qalilha biex tghid lill-bintha tidhol ghax-xoghol, ghax mhux marida, inkella tigi mkeccija. Id-decizjoni tas-Sur Borg ma gietx ikkontestata mix-shop steward li kien ma genbu meta rrisponda lil Mrs Sammut.